Giovanni N Żammit
**President ta' Wirt Għawdex**

# Għar Gerduf

Kif jiddeskrivi wisq tajjeb l-istoriku Joseph Bezzina fil-ktieb tiegħu "Victoria – the Portrait of a City – *Victoria Local Council 2012*", fuq in-naħa ta' barra tar-raħal ta' Kerċem, iħares fuq ir-riħ ta' Wied il-Lunzjata, wieħed isib il-fdalijiet ta' nekropoli Rumana magħrufa bħala *Għar Gerduf* li jinsab tipikament fit-trufijiet tal-belt Rumana. Albrecht Mayr, arkeologu Ġermaniż li żar is-sit fid-disgħinijiet tas-seklu dsatax (1890 jew wara) issuġġerixxa li s-sit kien użat bħala wieħed Kristjan. Xi ħamsin sena wara, Antonio Ferrua, awtorita' fuq il-katakombi Insara, ikkoferma li l-post seta' ġie użat bħala midfen Kristjan. Jekk dan huwa l-każ, allura hawnhekk għandna l-aktar xhieda bikrija tal-Kristjaneżmu f'Għawdex.




Is-sit kien skavat fuq il-ġenb ta' elevazzjoni ġeblija li jidher li kellha diversi għerien naturali fi ħdanha. Illum, il-post safa mutilat jew imkisser għal kollox hekk li bil-kemm jingħtaraf mill-oriġinal, imma hu possibli li wieħed jibni mill-ġdid il-pjan tiegħu bħala żewġt iswali rettangulari b'sensiela ta' *baldacchini* u anke b'*arcosolia* fuq il-ġnub u fuq il-ħajt ta' wara. L-oqbra mħaffra fil-blat għandhom postijiet fejn tistrieħ ir-ras u hemm ukoll niċeċ forma ta' arkati kif ukoll toqob biex fihom jitqiegħed id-dawl; dawn huma lkoll viżiblli. Hemm ukoll il-fdalijiet ta' dik li aktarx kienet mejda għall-*agape* fid-daħla.






L-istudjuż tal-istorja Mons Anton Gauci, li kiteb fis-sena 1966, isemmi l-possibilta' ta' spazji taħt l-art taħt l-art preżenti tas-sit kif ukoll banijiet Rumani u knisja antika fl-inħawi.



Għar Gerduf huwa l-uniku katakombi tardiv Ruman u Biżantin f'Għawdex deskritt mill-Professur Mario Buhagiar fis-servej monumentali tiegħu tas-sena 1986 u li riżultat tiegħu nafu l-inħawi preċiżi ta' dan is-sit u l-fatt li għadu viżibbli. Studju riċenti juri li Għar Gerduf għandu karatteristiċi li jaqblu ma' siti kontemporanji f'Malta u li wkoll għandhom funzjonijiet funerarji distintivi.



L-importanza ta' Għar Gerduf tista' tiġi apprezzata meta wieħed jikkunsidra li dan kien l-uniku sit Feniċju, Puniku u Ruman f'Għawdex li ġie inkluż fl-Att tal-Ħarsien tal-Antikitajiet tas-sena 1925. Din il-protezzjoni kienet estiża permezz ta' Nota tal-Gvern Numru 856 li ddikjarat li Għar Gerduf u ż-żona ta' madwar mitt metru minn magħha jaqgħu taħt it-titlu ta' Klassi A bħala Sit ta' Importanza Arkeoloġika, liema skedar iqiegħed is-sit fl-istess linja tal-Imnajdra u Ħaġar Qim.

Wirt Għawdex kien ilu jagħmel xogħol ta' monitoraġġ għal dan is-sit arkeoloġiku għal bosta snin permezz ta' tliet applikazzjonijiet tal-Ippjanar li jmorru lura għas-sena 1996; f'kull wieħed mill-każi, l-Għaqda ssottomettiet l-oġġezzjonijiet. Malli *Wirt Għawdex* intebħet li l-aħħar dokument kien approvat, hi bdiet il-ħidma sabiex issir reviżjoni tal-applikazzjoni bil-ħsieb li din tkun revokata. Fl-istess nifs, l-NGO bdiet ukoll il-ħidma tagħha id f'id mal-Gvern sabiex din l-art tkun esproprijata ladarba hija post ta' sit arkeoloġiku importanti li m'għandux ikun suġġett għal aktar żvilupp fil-ġejjieni. Meta deher apparat tal-kostruzzjoni fuq is-sit, *Wirt Għawdex* marret għand il-midja u hekk NGO ieħor u diversi ċittadini konċernati bdew jagħmlu l-almu tagħhom sabiex dan is-sit jitħares. Il-Gvern lokali malajr fehem l-importanza ta' dan kollu u ħa azzjoni sabiex isalva s-sit u l-esproprijazzjoni saret kmieni fis-sena 2019.



John Cremona

Minbarra dan kollu, il-Ministeru għal Għawdex ħażżez pjanijiet għall-ġejjieni favur restawrazzjoni u rijabilitazzjoni tas-sit u l-inklużjoni ta' ċentru ta' informazzjoni fejn il-viżitaturi jistgħu jitgħallmu dwar il-post u japprezzaw l-istorja tas-sit.

Fi kliem l-istudjuż ta' wirt artna s-Sur Godwin Vella, hu u jikteb fis-sena 2009, jeħtieġ 'li nħarsu l-fdaljiet ta' dawk li huma l-katakombi l-aktar rappreżentattivi ta' Għawdex biex jitgawdew mill-ġenerazzjonijiet tal-preżent u dawk tal-futur'.